32002D0984

L 341/70 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 17.12.2002

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-16 ta' Diċembru 2002

## dwar il-kontinwazzjoni ta' provi u testijiet komparattivi tal-Komunità fuq żerriegħa u materjal ta' tnissil ta' *gramineae, Triticum aestivum,Vitis vinifera, Brassica napus* u *Allium ascalonicum* skond id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 92/33/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE u 2002/57/KE

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2002/984/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-*marketing* ta' żrieragħ ta' pjanti użati għall-għalf ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/64/KE ([2]),

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-*marketing* ta' żrieragħ taċ-ċereali ([3]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/64/KE,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE tad-9 ta' April 1968 dwar il-*marketing* ta' materjal għat-tnissil veġetattiv tad-dwieli ([4]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/11/KE ([5]),

Wara li kkunsidrat d-Direttiva tal-Kunsill 92/33/KEE tat-28 ta'April 1992 dwar il-*marketing* ta' materjal għat-tnissil ta' ħxejjex u pjanti, minbarra żrieragħ ([6]), kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/111/KE ([7]),

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-*marketing* ta' żerriegħa tax-xitel tal-pitravi ([8]),

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-*marketing* ta' żerriegħa tal-ħxejjex ([9]),

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-*marketing* ta' żerriegħa tal-patata ([10]),

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-*marketing* ta' żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u l-fibri ([11]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/68/KE ([12]),

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2001/897/KE tat-12 ta' Diċembru li tippreskrivi l-arranġamenti għal testijiet u provi komparattivi tal-Komunità fuq żrieragħ u materjal ta' tnissil ta' ċerti pjanti skond id-Direttivi tal-Kunsill 66/400/KEE, 66/401/KEE, 66/402/KEE, 66/403/KEE, 68/193/KEE, 69/208/KEE, 70/458/KEE u 92/33/KEE ([13]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħhom,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2001/897/KE tippreskrivi l-arranġamenti għal testijiet u provi komparattivi li għandhom isiru skond id-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 92/33/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE u 2002/57/KE mill-2002 sa' l-2003.

(2) Il-provi u testijiet li saru fl-2002 għandhom jitkomplew fl-2003,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

### *Artikolu uniku*

Provi u testijiet komparattivi li nbdew fl-2002 fuq żrieragħ u materjal ta' tnissil ta' *gramineae, Triticum aestivum, Brassica napus, Allium ascalonicum* u *Vitis vinifera* għandhom jitkomplew fl-2003 skond id-Deċiżjoni 2001/897/KE.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Diċembru 2002.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU C 125, tal-11.7.1966, p. 2298/66.
([2]) ĠU L 234, ta' l-1.9.2001, p. 60.
([3]) ĠU C 125, tal-11.7.1966, p. 2309/66.
([4]) ĠU L 93, tas-17.4.1968, p. 15.
([5]) ĠU L 53, tat-23.2.2002, p. 20.
([6]) ĠU L 157, ta' l-10.6.1992, p. 1.
([7]) ĠU L 41, tat-13.2.2002, p. 43.
([8]) ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 12.
([9]) ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 33.
([10]) ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 60.
([11]) ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 74.
([12]) ĠU L 195, ta' l-24.7.2002, p. 32.
([13]) ĠU L 331, tal-15.12.2001, p. 97.